MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Numru 82/2004

**Onor. John Dalli**

**v.**

**Francis Ghirxi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Francis Ghirxi talli fit-18 ta’ Novembru 1999, bhala editur tal-gurnal ‘L-Orizzont’, bil-pubblikazzjoni ta’ statement tal-Midland Bank Trust Corporation (Jersey) Limited fl-ewwel faccata tal-istess gurnal:

(1) Dolozament xerred ahbarijiet foloz illi jistghu jallarmaw l-opinjoni pubblika;

(2) B’nuqqas ta’ diligenza ordinarja, xerred ahbarijiet foloz li jistghu jallarmaw l-opinjoni pubblika;

(3) Ta malafama lill-Onor. John Dalli billi attribwielu fatti determinati foloz u malafamanti bl-iskop li joffendi l-unur u l-fama tieghu u esponieh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Marzu 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Francis Ghirxi hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta’ mitt liri Maltin (Lm100);

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Francis Ghirxi pprezentat fit-30 ta’ Marzu 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju principali ta' l-appellant hu fis-sens li huwa ma kkommetta xejn mir-reati lilu attribwiti. Fir-rikors ta' appell tieghu jispjega li l-istatement bankarju in kwistjoni xandru meta xandar rapport dwar proceduri kriminali li kienu ttiehdu kontra Joseph Ellul Grech, ex-awditur tad-Daewoo, meta allura kien ovvju li dak id-dokument, bhala allegat *corpus delicti*, kien ser jigi pprezentat mill-prosekuzzjoni bhala prova. B'hekk huwa kien qed izomm lill-qarrejja mgharrfa b'dak li kien qieghed jigri f'Malta. Dan ma seta' qatt jigi interpretat bhala "tixrid ta' ahbarijiet foloz li jistghu jallarmaw l-opinjoni pubblika". Aggravju iehor hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma setghetx issib lill-appellant hati fl-istess nifs ta' xandir doluz u xandir negligenti ta' ahbarijiet foloz peress illi huma zewg reati distinti.

Dwar il-fatti tal-kaz m'hemmx kontestazzjoni. Fis-17 ta' Novembru 1999 certu Joseph Ellul Grech tressaq b'arrest

quddiem il-Qorti tal-Magistrati akkuzat inter alia b'falsifikazzjoni ta' *statement* ta' bank. Kopji ta' dan l-i*statement* gew girati permezz tal-posta taht isem anonimu. L-appellant ippubblika l-akkuzi dedotti kontra l-imsemmi Ellul Grech kif ukoll ippubblika fuq l-ewwel faccata ta' "l-orizzont" tat-18 ta' Novembru 1999 bi prominenza kbira ezatt taht l-isem tal-gurnal, l-imsemmi *statement*.

Il-kwerelant xehed kategorikament li l-i*statement* kien wiehed falz u innega li qatt kellu l-kont imsemmi jew il-flejjes indikati fih. L-imsemmi kont kien wiehed simulat u, minn verifiki mal-Midland Bank, li kien montatura ta' diversi bicciet ta' informazzjoni illi gew maghquda flimkien. Qal li s-sistema tan-*numbering* li jidher fuq il-kont kien twaqqaf mill-Midland Bank fl-1987 meta l-i*statement* juri transazzjonijiet li suppost saru fl-1994. Juri l-ndirizz personali tal-kwerelant ta' dar li mar joqghod fiha fl-1990. Ikkonferma li kopji ta' l-imsemmi statement kienu qeghdin jintbaghtu b'mod anonimu lil diversi nies fir-residenzi taghhom u bil-pubblikazzjoni ta' l-i*statement* minghajr dikjarazzjoni li kienet falza intlahaq l-iskop li anke min ma kienx ircieva kopja seta' jaqraha minn fuq il-gurnal u b'hekk gie espost ghar-ridikolu u ghall-malafaama.

L-appellant (allura kwerelat) xehed li kien ircieva kopja ta' l-ittra u *statement* bil-posta u rrizultalu li kienet *mass mailed* lil diversi nies. Hu ma hax passi biex jippubblikaha. Meta tressaq Joseph Ellul Grech il-Qorti in konnessjoni ma' din l-ittra, ippubblikaha fil-kuntest ta' l-akkuza li kien hemm kontra Ellul Grech biex juri lill-qarrejja tieghu fuqhiex dan kien akkuzat. Qal li ma kienx kompitu tieghu li jghid li l-ittra kienet frawdolenti jew falza ghax dak kien kompitu tal-Qorti. Huwa rrapporta biss dak li kien hemm il-Qorti u ma dehrlux li kellu jaghmel ic-cahda jew kummenti tal-Ministru ghax ma ried ihammeg lil hadd.

Issa, l-ewwel zewg imputazzjonijiet jirreferu ghat-tixrid ta' ahbarijiet foloz li setghu jallarmaw lill-pubbliku. Li l-ahbarijiet dwar il-kontenut ta' l-allegat *statement* tal-Midland Bank Trust Corporation (Jersey) Limited kienu foloz ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. Li jrid jigi

ezaminat huwa s-sinjifikat tal-kliem fl-ewwel zewg imputazzjonijiet dedotti li tali ahbarijiet "setghu jallarmaw l-opinjoni pubblika".

B'referenza ghall-kliem "jistghu jallarmaw l-opinjoni pubblika, jew jiddisturbaw il-bon ordni jew il-paci pubblika" f'dak li kien l-artikolu 13 tal-Kap. 117, fis-sentenza taghha tas-26 ta' Gunju 1957 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Micallef** din il-Qorti, per il-kompjant Imhallef William Harding, qalet hekk:

"Ghandu jigi immedjatament avvertit li b'dawk il-kliem ma jistax wiehed jifhem semplicement li bil-pubblikazzjoni tan-notizzja falz jkun hemm fil-kollettivita` tan-nies is-sens li hi perikolata s-sikurezza u t-trankwillita` taghhom. Kull reat jilledi tabilfors l-ordni pubbliku; u r-repressjoni tieghu hi appuntu ntiza, minbarra ghal finalitajiet ohra, sabiex fil-kollettivita` tan-nies tigi ristabbilita l-opinjoni tas-sikurezza li giet turbata. Il-kliem fuq riportati tal-art. 13 ghandhom ikollhom sens li jmur aktar 'l hemm minn dan is-sens generali li hu komuni ghar-reati kollha.

…

L-Imhallef sedenti jahseb li l-effett ta' dawk il-kliem fl-art.13 hu li l-Qorti ghandha tkun perswaza illi, bhala konsegwenza tan-notizzja falza, seta' kien hemm lok ghal certa eccitazzjoni ta' passjonijiet, certa ezasperazzjoni ta' rankuri u nklinazzjonijiet hziena, certu incitament ghall-ksur tal-ligi, jew, kif jinghad fit-testi antiki inglizi, 'occasion for discord', li minhabba f'hekk jista' jkun hemm 'an apprehended breach of the peace'. Dan hu s-sens ta' dawk il-kliem.

….

Dan l-element hu dak li l-aktar ippreokkupa l-Qorti, appuntu ghax hu intangibbli. Huwa ovvju li l-Qorti ghandha tara jekk in-notizzja 'de qua', dak il-mument tal-pubblikazzjoni taghha, kellhiex 'fiha nnifisha' l-attitudini li ggib l-effett fuq indikati; u ghalhekk il-Qorti ghandha tipprexxindi milli tikkunsidra l-passi li talvolta hadu l-

Pulizija biex jigu skongurati dawk it-temuti effetti. Fil-valutazzjoni ta' dan l-element, inoltre, il-Qorti ghandha tqies li l-artikolett gie publikat in prima pagina, f'post prominenti, 'in thick type' kollu kemm hu. Kwindi kien jinqara zgur, u mill-ewwel …. Cert hu li fil-konsiderazzjoni ta' dak l-element il-gudikant ghandu jhares maggjorment lejn ic-cirkustanzi lokali fi zmien determinat; ghaliex minn dawk ic-cirkustanzi fiz-zmien partikolari jiddependi jekk potenzjalment hemmx l-'apprehension' ta' 'a breach of the peace'."

Din il-Qorti rriflettiet fuq il-kaz in dizamina u, fid-dawl ta' dak li ntqal fis-sentenza appena citata, thoss li ghandha teskludi ghal kollox li l-ahbar dwar l-imsemmi allegat *statement* setghet tallarma l-pubbliku b'tali mod li seta' jwassal ghal storbju ossia ghal "a breach of the peace". Ma tarax li potenzjalment kien hemm il-periklu li xi uhud li, minhabba raguni jew ohra, ma jafux jew ma jistghux jikkontrollaw il-passjonijiet taghhom, setghu kkommettew attijiet ta' vjolenza biex jivvendikaw il-fatt notizzjat, u allura ohrajn setghu a loro volta jirreagixxu ghal dawk l-attijiet vjolenti, jew li seta' qam tant agha fil-pajjiz b'mod li jkun hemm disturb tal-bon ordni pubbliku. Li l-ligi tipprospetta l-potenzjalita` ta' "storbju" huwa evidenti mill-proviso ta' l-artikolu 9(1) li jipprovdi ghal piena akbar jekk effettivament ir-reat (ta' tixrid ta' ahbarijiet foloz) "iwassal ghal xi storbju jew jekk ir-reat ikun ikkontribwixxa ghall-grajja ta' xi storbju". Konsegwentement ma tarax li l-appellant kellu jinsab hati ta' l-ewwel zewg imputazzjonjiet dedotti kontra tieghu.

Kwantu ghat-tielet imputazzjoni jinghad l-ewwelnett li skond il-ligi l-pubblikazzjoni ta' rapporti ta' procedimenti f'qorti ta' gustizzja huma privileggjati purche` dawn ikunu rapporti gusti tal-procedimenti (art. 33(d) tal-Kap. 248). Dan hu privilegg li jipprovdi immunita` mill-azzjoni penali jew civili ghal libell u li, kif fissret il-Qorti ta' l-Appell, "hu certament ispirat mill-interess pubbliku ghall-informazzjoini biex ikun aggornat dwar dak li jigri fil-qrati tal-gustizzja fejn spiss jigi trattat mertu li jolqot lill-ordni socjali, mertu ta' interess generali, civili, kummercjali, kriminali u xort'ohra. Il-privilegg allura ma hu bl-ebda mod

marbut mal-persuna ta' min ilissen il-kliem oggettivament ingurjuz, imma mad-dritt tal-kollettivita' ghall-informazzjoni" **Lino Debono v. Avv. Toni Abela**, 6 ta' Ottubru 2000.

Fil-kaz in dizamina pero`, l-appellant qabad u ppubblika dokument li kien ghadu ma giex prezentat il-Qorti bhala prova fil-proceduri kontra Joseph Ellul Grech. Difatti tali dokument gie pprezentat fit-30 ta' Novembru 1999, u cioe` tnax-il gurnata wara l-pubblikazzjoni fil-gazzetta. Ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li ma japplikax ghall-appellant il-privilegg imsemmi taht l-artikolu 33(d) tal-Kap. 248.

L-appellant irrefera ghall-pubblikazzjoni "Media Law & Human Rights" f'Blackstone's Human Rights Series fejn, f'pagna 15 taht it-titolu "The special position of the media" jinghad li "The European Court has recognised that the press and other media have a special place in a democratic society as 'purveyor of information and public watchdog'." Dan hu kollu minnu. F'dan ir-rigward pero` ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rev. Dr. Joseph Bezzina et** moghtija fis-26 ta' April 2002:

"Issa, ghalkemm huwa veru li l-Artikolu 10 tal-imsemmija Konvenzjoni jiggarantixxi d-dritt ghal-liberta ta' espressjoni (liema dritt jinkludi l-liberta` li wiehed ikollu opinjonijiet u li jircievi u jaghti informazzjoni u ideat minghajr indhil mill-istat), l-istess artikolu jaghmilha cara li l-ezercizzju ta' dawn il-libertajiet igib mieghu wkoll dmirijiet u responsabbiltajiet, u ghalhekk hemm ir-restrizzjoni, mehtiega f'socjeta` demokratika, "ghall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' haddiehor". Fl-ahhar mill-ahhar il-problema hi dejjem dik li wiehed irid isib bilanc gust bejn id-dritt ghal-liberta` ta' espressjoni u d-dritt li wiehed ma jigix malafamat, anke jekk wara mewtu. Ma hemmx dubju wkoll li, bhala regola, min jirriproduci fatti veri dwar persuni fil-hajja pubblika jew dwar materja ta' interess pubbliku (*matters of public* concern) u min jesprimi opinjonijiet (*value judgements*) dwar dawk il-fatti jew dwar dik il-materja m'ghandux jigi ccensurat, ghax

wiehed ghandu normalment jassumi li l-pubblikazzjoni ta' dawk il-fatti u l-espressjoni ta' dawk l-opinjonijiet tkun saret purament fl-interess pubbliku u mhux b'xi motiv ulterjuri (diffamatorju). U f'dan is-sens esprimiet ruhha, bazikament, il-Qorti ta' Strasbourg fis-sentenzi **Lingens v. Austria** (8 ta' Lulju, 1986), **Oberschlick v. Austria** (1 ta' Lulju, 1997) u **Thorgeir Thorgeirson v. Iceland** (23 ta' Settembru, 1994)."

Fil-kaz in dizamina ghandna persuna li hija persuna pubblika izda ghandna fatti inveritjeri (il-kontenut ta' l-i*statement* fuq imsemmi) imqieghda quddiem il-qarrejja tal-gurnal imsemmi minghajr ebda tentattiv da parti ta' l-editur sabiex jivverifika dawk il-fatti, u dan meta huwa stess jghid li huwa kien ircieva l-ittra anonima b'kopja ta' l-istess *statement* u li fuqha "jiena ma hadt l-ebda passi u jiena ma ppubblikajthiex". Certament kieku ried kellu bizzejjed zmien biex, jekk irid, jaghmel il-verifiki necessarji. Il-mod kif l-imsemmi *statement* gie pubblikat fil-harga ta' "l-orizzont" tat-18 ta' Novembru 1999 bi prominenza kbira fuq l-ewwel faccata u qabel ma fil-fatt l-imsemmi dokument kien gie attwalment ipprezentat bhala l-*corpus delicti*, jista' jitqies biss bhala diffamatorju.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddieciedi billi tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata u ghalhekk (1) thassarha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dawk l-imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, (2) tikkonfermaha in kwantu sabitu hati tat-tielet imputazzjoni, u (3) thassarha in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' mitt lira (Lm100) u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hamsin liri Maltin (Lm50).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------